SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

24 ta' Frar 2022 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ugwaljanza fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa fil-qasam tas-sigurtà soċjali – Direttiva 79/7/KEE – Artikolu 4(1) – Projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess – Impjegati domestiċi – Protezzjoni kontra l-qgħad – Esklużjoni – Żvantaġġ partikolari għall-ħaddiema nisa – Għanijiet leġittimi ta' politika soċjali – Proporzjonalità"

Fil-Kawża C-389/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Juzgado de lo Contencioso-Administrativo nº 2 de Vigo (il-Qorti Amministrattiva Provinċjali ta' Vigo, Spanja), permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Lulju 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Awwissu 2020, fil-proċedura

CJ

vs

Tesorería General de la Seguridad Social (TGSS),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Prechal, Presidenta tat-Tieni Awla, li qiegħda taġixxi bħala President tat-Tielet Awla, J. Passer, F. Biltgen, L. S. Rossi (Relatriċi) u N. Wahl, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: L. Carrasco Marco, amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-30 ta' Ġunju 2021,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal CJ, minn J. de Cominges Cáceres, abogado,

– għat-Tesorería General de la Seguridad Social (TGSS), minn M. S. Amaya Pilares u E. Ablanedo Reyes, letrados,

– għall-Gvern Spanjol, minn M. J. Ruiz Sánchez u S. Jiménez García, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn I. Galindo Martín u A. Szmytkowska, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2021,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 215) kif ukoll tal-Artikolu 5(b) u tal-Artikolu 9(1)(e) u (k) tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU 2006, L 204, p. 23).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn CJ u t-Tesorería General de la Seguridad Social (TGSS) (it-Teżorerija Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali (TGSS), Spanja) dwar talba ta' CJ sabiex titħallas kontribuzzjoni fir-rigward tal-protezzjoni kontra r-riskju ta' qgħad.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 79/7

3 Skont it-tieni premessa tad-Direttiva 79/7:

"Billi l-prinċipju tat-trattament ugwali fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali għandu jiġi implimentat l-ewwelnett fl-iskemi statutorji li jipprovdu protezzjoni kontra l-perikli ta' mard, invalidità, anzjanità, disgrazzji fuq ix-xogħol, mard ikkawżat mit-tip ta' xogħol u qgħad, u fl-assistenza soċjali sakemm hija ntenzjonata li żżid ma' jew tieħu l-post ta' l-iskemi msemmija aktar 'il fuq".

4 L-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva jiddisponi:

"Din id-Direttiva għandha tgħodd għal:

a) l-iskemi statutorji li jipprovdu protezzjoni kontra r-riskji li ġejjin:

– mard,

– invalidità,

– anzjanità,

– disgrazzji fuq ix-xogħol u mard li ġej mix-xogħol,

– qgħad;

[…]”

5 L-Artikolu 4(1) tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

“Il-prinċipju tat-trattament ugwali jfisser li m’għandu jkun hemm ebda diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess kemm direttament, jew indirettament speċjalment b’riferenza għall-istat maritali jew tal-familja f’dak li għandu x’jaqsam ma’:

– l-għan ta’ l-iskemi u l-kondizzjonijiet ta’ l-aċċess għalihom,

[…]”

Id-Direttiva 2006/54

6 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2006/54, intitolat “Għan”, huwa fformulat kif ġej:

“L-għan ta’ din id-Direttiva huwa li jiġi żgurat li jkun implimentat il-prinċipju ta’ opportunitajiet indaqs u trattament ugwali ta’ l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta’ impjiegi u xogħol.

Għal dan il-għan, hi fiha dispożizzjonijiet biex jiġi implimentat il-prinċipju ta’ trattament ugwali f’relazzjoni ma’:

[…]

(ċ) l-iskemi okkupazzjonali ta’ sigurtà soċjali.

[…]”

7 L-Artikolu 2 ta’ din id-direttiva, intitolat “Definizzjonijiet”, jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(b) ‘diskriminazzjoni indiretta’: fejn dispożizzjoni, kriterju jew prattika li mad-dehra jkunu newtrali jkunu jpoġġu lil persuni ta’ sess partikolari fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma’ persuni tas-sess l-ieħor, ħlief jekk dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika tkun oġġettivament ġustifikata b’għan leġittimu, u l-mezzi biex jintlaħaq dak l-għan huma xierqa u meħtieġa;

[…]

f) ‘skemi okkupazzjonali ta’ sigurtà soċjali’: skemi li mhumiex regolati mid-Direttiva [79/7] li l-għan tagħhom huwa li jipprovdu lill-ħaddiema, kemm jekk impjegati u kemm jekk jaħdmu għal rashom, f’impriża jew fi grupp ta’ impriżi, f’qasam ta’ attività ekonomika, settur jew grupp ta’ setturi tax-xogħol b’benefiċċji maħsuba biex iżidu l-benefiċċji pprovduti minn skemi statutorji ta’ sigurtà soċjali jew biex jissostitwixxuhom, kemm jekk is-sħubija fi skemi ta’ din ix-xorta tkun obbligatorja u kemm jekk tkun b’għażla.”

8 L-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni", jiddisponi:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4, m'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni diretta jew indiretta minħabba s-sess fi skemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) il-kamp ta' applikazzjoni ta' tali skemi u l-kondizzjonijiet ta' l-aċċess għalihom;

(b) l-obbligu tal-kontribuzzjoni u l-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet;

[…]"

9 L-Artikolu 9 tal-istess direttiva, intitolat "Eżempji ta' diskriminazzjoni" jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Dispożizzjonijiet kuntrarji għall-prinċipju ta' trattament ugwali għandhom jinkludu dawk ibbażati fuq is-sess, jew direttament jew indirettament, sabiex:

[…]

(e) ikunu ffissati kondizzjonijiet differenti biex jingħataw il-benefiċċji jew għar-restrizzjoni ta' benefiċċji bħal dawn għall-ħaddiema ta' wieħed jew l-ieħor mis-sessi;

[…]

(k) ikunu stabbiliti standards differenti jew standards applikabbli biss għall-ħaddiema ta' sess speċifiku, ħlief kif provdut fil-punti (h) u (j), fir-rigward tal-garanzija jew taż-żamma tad-dritt għal benefiċċji diferiti meta ħaddiem joħroġ minn skema."

Id-dritt Spanjol

Il-LGSS

10 L-Artikolu 251 tal-Ley General de la Seguridad Social (il-Liġi Ġenerali dwar is-Sigurtà Soċjali), fil-verżjoni kkonsolidata tagħha approvata permezz tar-Real Decreto Legislativo 8/2015 (id-Digriet Irjali Leġiżlattiv 8/2015), tat-30 ta' Ottubru 2015 (BOE Nru 261, tal-31 ta' Ottubru 2015, p. 103291, u rettifika fil-BOE Nru 36, tal-11 ta' Frar 2016, p. 10898) (iktar 'il quddiem il-"LGSS"), intitolat "Azzjoni protettiva", huwa fformulat b'dan il-mod:

"Il-ħaddiema li jaqgħu taħt is-sistema speċjali applikabbli għall-impjegati domestiċi għandhom id-dritt għall-benefiċċji ta' sigurtà soċjali skont il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din l-iskema ġenerali tas-sigurtà soċjali, bil-partikolaritajiet li ġejjin:

[…]

d) L-azzjoni protettiva tas-Sistema Speċjali għall-Impjegati Domestiċi ma għandhiex tinkludi dik li tikkorrispondi mal-qgħad."

11 L-Artikolu 264 tal-LGSS, intitolat "Persuni protetti", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Huma koperti mill-protezzjoni kontra l-qgħad, bil-kundizzjoni li jipprevedu li jikkontribwixxu f'dan ir-rigward:

a) il-ħaddiema impjegati li jaqgħu taħt l-iskema ġenerali tas-sigurtà soċjali;

[…]"

Id-Digriet Irjali 625/1985

12 L-Artikolu 19 tar-Real Decreto 625/1985, por el que se desarrolla la Ley 31/1984, de 2 de agosto, de protección por desempleo (id-Digriet Irjali 625/1985 dwar l-applikazzjoni tal-Liġi 31/1984, tat-2 ta' Awwissu 1984, dwar il-Protezzjoni kontra l-Qgħad), tat-2 ta' April 1985 (BOE Nru 109, tas-7 ta' Mejju 1985, p. 12699, u rettifika fil-BOE Nru 134, tal-5 ta' Ġunju 1985, p. 16992), intitolat "Kontribuzzjoni", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Għandhom jikkontribwixxu fir-rigward tar-riskju ta' qgħad l-impriżi u l-ħaddiema kollha li jaqgħu taħt l-iskema ġenerali u l-iskemi speċjali tas-sigurtà soċjali li joffru protezzjoni kontra dan ir-riskju. […]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

13 CJ, impjegata domestika, taħdem għal persuna li timpjega, li hija persuna fiżika. Sa mix-xahar ta' Jannar 2011, hija kienet affiljata mas-sistema speċjali ta' sigurtà soċjali applikabbli għall-impjegati domestiċi (iktar 'il quddiem is-"sistema speċjali tal-impjegati domestiċi").

14 Fit-8 ta' Novembru 2019, CJ għamlet talba lit-TGSS sabiex tikkontribwixxi fir-rigward tal-protezzjoni kontra l-qgħad, sabiex tikseb id-dritt għall-benefiċċji tal-qgħad. Din it-talba kienet akkumpanjata mill-kunsens bil-miktub tal-persuna li timpjegaha li tħallas il-kontribuzzjoni mitluba.

15 Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Novembru 2019, it-TGSS ċaħdet l-imsemmija talba għar-raġuni li, peress li CJ kienet affiljata mas-sistema speċjali tal-impjegati domestiċi, il-possibbiltà għaliha li tikkontribwixxi għal din is-sistema sabiex tikseb protezzjoni kontra l-qgħad kienet espressament eskluża fl-Artikolu 251(d) tal-LGSS. Din id-deċiżjoni kienet ikkonfermata permezz ta' deċiżjoni tat-TGSS tad-19 ta' Diċembru 2019, meħuda wara appell ippreżentat minn CJ.

16 Fit-2 ta' Marzu 2020, CJ ippreżenta rikors kontra t-tieni deċiżjoni tat-TGSS quddiem il-Juzgado de lo Contencioso-Administrativo nº 2 de Vigo (il-Qorti Amministrattiva Provinċjali Nru 2 ta' Vigo, Spanja). Insostenn tar-rikors tagħha, CJ issostni essenzjalment li l-Artikolu 251(d) tal-LGSS jinkludi diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq is-sess fil-qasam tas-sigurtà soċjali fir-rigward tal-impjegati domestiċi tas-sess femminil, li jikkostitwixxu kważi t-totalità ta' dan il-grupp ta' ħaddiema.

17 F'dan ir-rigward, CJ tirrileva li, minkejja li l-impjegati domestiċi huma protetti kontra sitwazzjoni ta' inkapaċità temporanja, meta din tippersisti, huma jispiċċaw jitilfu l-impjieg tagħhom jew wara ftehim, jew minħabba terminazzjoni mill-persuna li timpjega, mingħajr ma jkunu protetti kontra l-qgħad, kuntrarjament għal ħaddiema impjegati l-oħra. Peress li s-sitwazzjoni tal-impjegati

domestiċi li tilfu l-impjieg tagħhom ma hijiex assimilata ma' dik tal-ħaddiema affiljati mas-sigurtà soċjali, l-esklużjoni mill-protezzjoni kontra l-qgħad timplika wkoll l-impossibbiltà, għal dawn l-impjegati, li jaċċedu għal kull benefiċċju jew allowance ieħor suġġett għall-iskadenza tad-dritt għall-benefiċċji tal-qgħad. B'hekk, l-Artikolu 251(d) tal-LGSS iqiegħed lill-imsemmija impjegati f'sitwazzjoni ta' deprivazzjoni soċjali, li ma tirriżultax biss, direttament, mill-impossibbiltà li jaċċedu għall-benefiċċji tal-qgħad, iżda wkoll, indirettament, mill-impossibbiltà ta' aċċess għal għajnuniet soċjali oħra.

18 Il-qorti tar-rinviju esprimiet dubji dwar il-kompatibbiltà ta' din id-dispożizzjoni nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni. Hija tenfasizza li huwa stabbilit bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali li l-grupp ta' ħaddiema affiljati mas-sistema speċjali tal-impjegati domestiċi huwa kkostitwit kważi esklużivament minn persuni tas-sess femminil. Għaldaqstant, dik il-qorti tqis li, sa fejn tirrifjuta lill-ħaddiema nisa li jaqgħu f'dan il-grupp il-possibbiltà li jaċċedu għall-benefiċċji tal-qgħad, billi tipprekludihom milli jħallsu kontribuzzjonijiet sabiex ikopru dan ir-riskju, l-imsemmija dispożizzjoni nazzjonali tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq is-sess fl-aċċess għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali. Fl-assenza ta' xi motivazzjoni espliċita f'dan ir-rigward, din id-diskriminazzjoni ma hijiex iġġustifikata u għalhekk tista' tiġi pprojbita mid-Direttivi 79/7 u 2006/54.

19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Juzgado de lo Contencioso-Administrativo nº 2 de Vigo (il-Qorti Amministrattiva Provinċjali Nru 2 ta' Vigo, Spanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 4(1) tad-[Direttiva 79/7], dwar ugwaljanza fit-trattament li jipprekludi kull diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, kemm dik diretta kif ukoll dik indiretta, f'dak li għandu x'jaqsam mal-obbligu li wieħed iħallas il-kontribuzzjonijiet soċjali, u l-Artikolu 5(b) tad-[Direttiva 2006/54], li jsemmi l-istess projbizzjoni ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta fuq il-bażi ta' sess, fl-ambitu tal-applikazzjoni tal-iskemi soċjali u l-kundizzjonijiet ta' aċċess għal dawn tal-aħħar kif ukoll l-obbligu ta' kontribuzzjoni u l-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 251(d) LGSS [Ley General de la Seguridad Soċjal (il-Liġi Ġenerali dwar is-Sigurtà Soċjali)] [li skontha] ['']L-azzjoni protettiva tas-Sistema Speċjali għall-Impjegati Domestiċi ma għandhiex tinkludi dik li tikkorrispondi mal-qagħad.'?

2) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għad-domanda preċedenti, il-kunċett legali msemmi għandu jitqies li jirrigwarda eżempju ta' diskriminazzjoni pprojbita, konformement mal-Artikolu 9(1)(e) u/jew (k) tad-[Direttiva 2006/54], sa fejn id-destinatarji kważi esklużivi tad-dispożizzjoni inkwistjoni, l-Artikolu 251(d) LGSS huma nisa?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ammissibbiltà

20 It-TGSS u l-Gvern Spanjol jeċċepixxu l-inammissibbiltà kemm tat-talba għal deċiżjoni preliminari kif ukoll tad-domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju.

21 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari, huma essenzjalment isostnu li t-tilwima fil-kawża prinċipali fir-realtà ma tirrigwardax allegat dritt li jitħallsu kontribuzzjonijiet, iżda r-rikonoxximent tad-dritt għall-benefiċċji tal-qgħad. Minn dan

isegwi, minn naħa, li din it-tilwima hija artifiċjali fis-sens li CJ adixxiet lill-qorti tar-rinviju abbażi ta' motivi foloz. Min-naħa l-oħra, sa fejn dan ir-rikonoxximent jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati soċjali, il-qorti tar-rinviju ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' tali tilwima, bħala qorti amministrattiva, b'tali mod li ma hemm l-ebda rabta bejn l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba u s-soluzzjoni ta' din it-tilwima.

22 Barra minn hekk, it-TGSS issostni li, f'każ li l-imsemmija tilwima tirrigwarda effettivament ir-rikonoxximent ta' dritt li jitħallsu kontribuzzjonijiet, l-interpretazzjoni tad-Direttiva 79/7 ma tkunx neċessarja sabiex tiġi riżolta, peress li l-kwistjoni tal-portata tal-azzjoni protettiva tas-sistema speċjali tal-impjegati domestiċi hija differenti minn dik tal-finanzjament ta' din is-sistema.

23 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn din tal-aħħar u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha titressaq il-kawża u li għandha tagħti d-deċiżjoni, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, sakemm id-domandi magħmula jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta tagħti deċiżjoni (sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 115 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

24 Minn dan isegwi li d-domandi dwar id-dritt tal-Unjoni jgawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss jekk ikun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma jkollha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex punti ta' fatti u ta' liġi neċessarji sabiex tagħti risposta b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 116 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

25 B'mod partikolari, kif jirriżulta mill-kliem stess tal-Artikolu 267 TFUE, id-deċiżjoni preliminari mitluba għandha tkun "meħtieġa" sabiex tippermetti li l-qrati tar-rinviju "ikunu jistgħu jagħtu s-sentenza" fil-kawża li jkunu aditi biha. Għalhekk, il-proċedura għal deċiżjoni preliminari tippreżumi, b'mod partikolari, li tilwima tkun effettivament pendenti quddiem il-qrati nazzjonali, li fil-kuntest tagħha huma jintalbu jagħtu deċiżjoni li tista' tieħu inkunsiderazzjoni d-deċiżjoni preliminari (sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 117 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

26 F'dan il-każ, kif ġie espost fil-punti 15 u 18 ta' din is-sentenza, qabelxejn, il-kawża prinċipali tirrigwarda ċ-ċaħda, mit-TGSS, ta' talba għall-ħlas ta' kontribuzzjonijiet fir-rigward tal-protezzjoni kontra r-riskju ta' qgħad, sabiex jinkiseb id-dritt għall-benefiċċji tal-qgħad korrispondenti. Sussegwentement, din iċ-ċaħda hija bbażata fuq l-esklużjoni ta' dawn il-benefiċċju mis-sistema speċjali tal-impjegati domestiċi, fis-sens tal-Artikolu 251(d) tal-LGSS. Fl-aħħar, din l-esklużjoni, peress li tapplika għal grupp ta' ħaddiema kompost kważi esklużivament minn nisa, tista', skont il-qorti tar-rinviju, tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq is-sess, ipprojbita mid-Direttivi 79/7 u 2006/54.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, minn naħa, id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju ma humiex ta' natura ipotetika u, min-naħa l-oħra, l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni hija relatata mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, sa fejn din tirrigwarda fir-realtà r-rikonoxximent tad-dritt għall-benefiċċji tal-qgħad, u tidher neċessarja, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 25 ta' din is-sentenza, sabiex tippermetti lill-qorti tar-rinviju tagħti s-sentenza tagħha billi tpoġġiha f'pożizzjoni li tevalwa l-kompatibbiltà tad-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali mad-dritt tal-Unjoni. Minn dan isegwi li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

28 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-argument tal-Gvern Spanjol ibbażat fuq allegat nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qorti tar-rinviju sabiex tieħu konjizzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali hekk iddefinita, sa fejn din taqa' fil-ġurisdizzjoni tal-qrati soċjali. Fil-fatt, huwa biżżejjed li jitfakkar, f'dan ir-rigward, li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja la għandha tikkontesta l-evalwazzjoni mill-qorti tar-rinviju tal-ammissibbiltà tar-rikors fil-kawża prinċipali, li taqa', fil-kuntest tal-proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, fil-ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali, u lanqas tivverifika jekk id-deċiżjoni tar-rinviju ttiħditx konformement mar-regoli nazzjonali ta' organizzazzjoni u ta' proċedura ġudizzjarji. Fil-fatt, hija għandha tillimita ruħha għad-deċiżjoni tar-rinviju maħruġa minn qorti ta' Stat Membru, sakemm din ma tkunx ġiet irrevokata fil-kuntest tar-rimedji li jistgħu jkunu previsti mid-dritt nazzjonali (sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Governo della Repubblica italiana (Status tal-giudici di pace Taljani), C-658/18, EU:C:2020:572, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-ammissibbiltà tad-domandi preliminari, il-Gvern Spanjol, li tingħaqad miegħu il-Kummissjoni Ewropea fuq dan il-punt, isostni, minn naħa, li d-Direttiva 2006/54 ma hijiex applikabbli għall-iskema legali ta' sigurtà soċjali Spanjola rregolata mil-LGSS. Sa fejn dawn id-domandi jirrigwardaw id-Direttiva 2006/54, dawn għandhom għalhekk jiġu ddikjarati inammissibbli.

30 Min-naħa l-oħra, il-Gvern Spanjol jitlob, b'mod impliċitu, l-inammissibbiltà tal-imsemmija domandi wkoll sa fejn jirrigwardaw id-Direttiva 79/7. Fil-fatt, skont dan il-gvern, din id-direttiva ma timponix fuq l-Istati Membri l-obbligu li jistabbilixxu protezzjoni kontra riskju partikolari, bħal dak tal-qgħad, li jimplika li talba għall-ħlas ta' kontribuzzjonijiet fir-rigward ta' dan ir-riskju sabiex jinkiseb id-dritt għall-benefiċċji korrispondenti, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva.

31 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, meta ma jidhirx b'mod manifest li l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma jkollha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, l-oġġezzjoni bbażata fuq in-nuqqas ta' applikabbiltà ta' din id-dispożizzjoni għall-kawża prinċipali ma tikkonċernax l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari, iżda taqa' taħt il-mertu tad-domandi (sentenza tat-28 ta' Ottubru 2021, Komisia za protivodeystvie na koruptsiyata i za otnemane na nezakonno pridobitoto imushtestvo, C-319/19, EU:C:2021:883, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 26 u 27 ta' din is-sentenza, id-domandi magħmula huma ammissibbli.

Fuq il-mertu

33 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 79/7 u l-Artikolu 5(b) tad-Direttiva 2006/54 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali li teskludi l-benefiċċji tal-qgħad mill-benefiċċji tas-sigurtà soċjali mogħtija lill-impjegati domestiċi minn skema legali ta' sigurtà soċjali.

34 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, preliminarjament, li mill-elementi tal-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll mill-formulazzjoni tal-Artikolu 251 tal-LGSS, jirriżulta li s-sistema speċjali tal-impjegati domestiċi hija integrata fl-iskema ġenerali tas-sigurtà soċjali rregolata mil-LGSS u li dawn l-impjegati għandhom dritt għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali skont il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din l-iskema ġenerali. Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-benefiċċji tal-qgħad, mill-Artikolu 264(1)(a) tal-LGSS jirriżulta li l-ħaddiema impjegati kollha li jaqgħu taħt l-imsemmija skema ġenerali huma, bħala prinċipju, koperti mill-protezzjoni kontra l-qgħad, bil-kundizzjoni li huma jipprevedu li jikkontribwixxu f'dan ir-rigward.

35 Għalhekk, peress li, kif ġie rrilevat fil-punt 26 ta' din is-sentenza, it-tilwima fil-kawża prinċipali tirrigwarda r-rikonoxximent tal-impjegati domestiċi fir-rigward tal-protezzjoni kontra l-qgħad li minnu huma esklużi bis-saħħa tal-Artikolu 251(d) tal-LGSS, din it-tilwima essenzjalment tirrigwarda l-portata tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-benefiċċji tal-qgħad mogħtija mill-iskema legali ta' sigurtà soċjali Spanjola.

36 Minn dan isegwi, minn naħa, li l-benefiċċji tal-qgħad inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 79/7 u, għaldaqstant, li din hija applikabbli għal din il-kawża. Fil-fatt, dawn il-benefiċċji jagħmlu parti minn skema legali ta' protezzjoni kontra wieħed mir-riskji elenkati fl-Artikolu 3(1)(a) ta' din id-direttiva, jiġifieri r-riskju ta' qgħad, u huma direttament u effettivament marbuta mal-protezzjoni kontra dan ir-riskju. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2021, INSS (Pensjoni tar-romol ibbażata fuq il-konkubinaġġ), C-244/20, mhux ippubblikata, EU:C:2021:854, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Dan jimplika, min-naħa l-oħra, li d-Direttiva 2006/54 ma hijiex applikabbli għall-kawża prinċipali. Fil-fatt, mill-punt (ċ) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-Artikolu 2(1)(f) tagħha, jirriżulta li l-imsemmija direttiva ma tapplikax għall-iskemi legali rregolati mid-Direttiva 79/7 (sentenza tat-12 ta' Diċembru 2019, Instituto Nacional de la Seguridad Social (Suppliment ta' pensjoni għall-ommijiet), C-450/18, EU:C:2019:1075, punt 34).

38 Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 34 sa 37 ta' din is-sentenza, sabiex tingħata risposta għad-domandi magħmula, għandu, essenzjalment, jiġi evalwat jekk dispożizzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 251(d) tal-LGSS, tistax tinkludi diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess f'dak li jirrigwarda l-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-iskema legali ta' sigurtà soċjali Spanjola li tiżgura protezzjoni kontra l-qgħad, fis-sens tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 79/7, moqri flimkien mat-tieni premessa u mal-ħames inċiż tal-Artikolu 3(1)(a) tagħha.

39 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat, qabelxejn, li dispożizzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tinvolvix diskriminazzjoni direttament ibbażata fuq is-sess, peress li hija tapplika mingħajr distinzjoni għall-ħaddiema rġiel u għall-ħaddiema nisa affiljati mas-sistema speċjali tal-impjegati domestiċi.

40 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-istess dispożizzjoni nazzjonali tinkludix diskriminazzjoni indiretta, fl-ewwel lok għandu jitfakkar li dan il-kunċett għandu, fil-kuntest tad-Direttiva 79/7, jinftiehem bl-istess mod bħal fil-kuntest tad-Direttiva 2006/54 (sentenzi tat-8 ta' Mejju 2019, Villar Láiz, C-161/18, EU:C:2019:382, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-21 ta' Jannar 2021, INSS, C-843/19, EU:C:2021:55, punt 24). Issa, mill-Artikolu 2(1)(b) ta' din l-aħħar direttiva jirriżulta li tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq is-sess, is-sitwazzjoni li fiha dispożizzjoni, kriterju jew prattika li tkun tidher newtrali tpoġġi fi żvantaġġ b'mod partikolari lil persuni ta' sess meta mqabbla ma' persuni tas-sess l-ieħor, ħlief jekk din id-dispożizzjoni, dan il-kriterju jew din il-prattika tkun oġġettivament iġġustifikata b'għan leġittimu u l-mezzi sabiex jintlaħaq dak l-għan ikunu xierqa u neċessarji.

41 L-eżistenza ta' tali żvantaġġ partikolari tista' tiġi stabbilita, b'mod partikolari, jekk jiġi pprovat li l-imsemmija dispożizzjoni, l-imsemmi kriterju jew l-imsemmija prattika taffettwa b'mod negattiv proporzjon sinjifikattivament ikbar ta' persuni ta' sess meta mqabbla mal-persuni tas-sess l-ieħor. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk dan huwiex il-każ fil-kawża prinċipali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Mejju 2019, Villar Láiz, C-161/18, EU:C:2019:382, punt 38, u tal-21 ta' Jannar 2021, INSS, C-843/19, EU:C:2021:55, punt 25).

42 Fil-każ li l-qorti nazzjonali jkollha statistika, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li hija din li għandha, minn naħa, tieħu inkunsiderazzjoni l-ħaddiema kollha suġġetti għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li minnha toriġina d-differenza fit-trattament u, min-naħa l-oħra, tagħmel paragun bejn il-proporzjonijiet rispettivi tal-ħaddiema li huma u li ma humiex affettwati mill-allegata differenza fit-trattament fi ħdan il-ħaddiema nisa li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni u l-istess proporzjonijiet fi ħdan il-ħaddiema rġiel li jaqgħu fiha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Settembru 2020, YS (Pensjonijiet tal-kumpannija ta' persunal b'anzjanità), C-223/19, EU:C:2020:753, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-21 ta' Jannar 2021, INSS, C-843/19, EU:C:2021:55, punt 26).

43 F'dan ir-rigward, hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa sa fejn l-istatistika ppreżentata quddiemha hija affidabbli u jekk din tistax tittieħed inkunsiderazzjoni, jiġifieri jekk, b'mod partikolari, hijiex l-espressjoni ta' fenomeni purament fortuwiti jew okkażjonali u jekk hijiex suffiċjentement sinjifikattiva (sentenzi tal-24 ta' Settembru 2020, YS (Pensjonijiet tal-kumpannija ta' persunal b'anzjanità), C-223/19, EU:C:2020:753, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-21 ta' Jannar 2021, INSS, C-843/19, EU:C:2021:55, punt 27).

44 F'dan il-każ, kif qies l-Avukat Ġenerali, fil-punt 58 tal-konklużjonijiet tiegħu, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-persuni affiljati mas-sistema speċjali tal-impjegati domestiċi, iżda wkoll il-ħaddiema kollha suġġetti għall-iskema ġenerali tas-sigurtà soċjali Spanjola, li fi ħdanha huma integrati dawn il-persuni affiljati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2021, INSS, C-843/19, EU:C:2021:55, punt 28). Fil-fatt, kif diġà ġie rrilevat fil-punt 35 ta' din is-sentenza, id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkontribwixxi għad-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-benefiċċji tal-qgħad mogħtija minn din l-iskema ġenerali.

45 Issa, għandu jiġi kkonstatat li mill-istatistika ppreżentata fl-osservazzjonijiet orali tat-TGSS jirriżulta li, minn naħa, fil-31 ta' Mejju 2021, in-numru ta' ħaddiema impjegati suġġetti għall-imsemmija skema ġenerali kien jammonta għal 15 872 720, li fosthom 7 770 798 kienu nisa (48.96 % tal-impjegati) u 8 101 899 kienu rġiel (51.04 % tal-impjegati). Min-naħa l-oħra, fl-istess data, il-grupp ta' impjegati affiljati mas-sistema speċjali tal-impjegati domestiċi kien

jinkludi 384 175 ħaddiem, li minnhom 366 991 kienu nisa (95.53 % tal-persuni affiljati ma' din is-sistema speċjali, jiġifieri 4.72 % tan-nisa impjegati) u 17 171 kienu rġiel (4.47 % tal-persuni affiljati mal-imsemmija sistema speċjali, jiġifieri 0.21 % tal-irġiel impjegati).

46 B'hekk, minn din l-istatistika jirriżulta li l-proporzjon tal-ħaddiema impjegati tas-sess femminil suġġett għall-iskema ġenerali tas-sigurtà soċjali Spanjola li huma affettwati mid-differenza fit-trattament li tirriżulta mid-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa sinjifikattivament ogħla minn dak tal-impjegati tas-sess maskil.

47 Minn dan isegwi li, jekk, fi tmiem l-evalwazzjoni li hija għandha twettaq, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 42 u 43 ta' din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni li l-imsemmija statistika hija affidabbli, rappreżentattiva u sinjifikattiva, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-Artikolu 251(d) tal-LGSS jiżvantaġġa b'mod partikolari lill-ħaddiema nisa meta mqabbla mal-ħaddiema rġiel.

48 Minn dan jirriżulta li din id-dispożizzjoni nazzjonali tinvolvi diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq is-sess li tmur kontra l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 79/7, sakemm din ma tkunx iġġustifikata minn fatturi oġġettivi u indipendenti minn kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess. Dan huwa l-każ jekk din id-dispożizzjoni tissodisfa għan leġittimu ta' politika soċjali, hija xierqa sabiex jintlaħaq dan l-għan u hija neċessarja għal dan l-għan, peress li din tista' titqies li hija xierqa sabiex tiggarantixxi l-għan invokat biss jekk hija verament tissodisfa l-intenzjoni li dan jintlaħaq u jekk hija tiġi implimentata b'mod koerenti u sistematiku (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Ottubru 2011, Brachner, C-123/10, EU:C:2011:675, punti 70 u 71 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tal-21 ta' Jannar 2021, INSS, C-843/19, EU:C:2021:55, punti 31 u 32 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

49 L-allegata assenza ta' komparabbiltà tas-sitwazzjoni tal-impjegati domestiċi meta mqabbla ma' dik ta' ħaddiema impjegati oħra affiljati mal-iskema ġenerali tas-sigurtà soċjali Spanjola, allegata mill-Gvern Spanjol sabiex isostni l-assenza ta' tali diskriminazzjoni indiretta, hija irrilevanti f'dan ir-rigward.

50 Fil-fatt, kif irrileva l-Avukat Ġenerali, fil-punt 47 tal-konklużjonijiet tiegħu, għall-kuntrarju tal-kawża li tat lok għas-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2018, MB (Bidla fil-ġeneru u pensjoni tal-irtirar) (C-451/16, EU:C:2018:492), invokata minn dan il-gvern, id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni diretta bbażata fuq is-sess li tista' tiġi kkontestata mill-allegata assenza ta' komparabbiltà tas-sitwazzjoni tal-impjegati domestiċi meta mqabbla ma' dik ta' ħaddiema impjegati oħra.

51 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-eżistenza ta' fattur oġġettiv ta' ġustifikazzjoni fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 48 ta' din is-sentenza, għandu jiġi enfasizzat li, minkejja li fl-aħħar lok hija l-qorti nazzjonali, li hija l-unika li għandha ġurisdizzjoni sabiex tevalwa l-fatti u tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali, li tiddetermina jekk u sa fejn id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija ġġustifikata minn tali fattur oġġettiv, il-Qorti tal-Ġustizzja, imsejħa sabiex tipprovdi lil din b'risposti utli fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, għandha ġurisdizzjoni sabiex tagħti indikazzjonijiet misluta mill-proċess tal-kawża prinċipali kif ukoll mill-osservazzjonijiet bil-miktub u orali li jkunu ppreżentawlha, ta' natura li jippermettu lill-qorti nazzjonali tasal għal deċiżjoni (sentenzi tal-20 ta' Ottubru 2011, Brachner, C-123/10, EU:C:2011:675, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-24 ta' Settembru 2020, YS (Pensjonijiet tal-kumpannija ta' persunal b'anzjanità), C-223/19, EU:C:2020:753, punt 58 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

52 F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet repetutament li, għalkemm, huma u jagħżlu l-miżuri li jistgħu jwettqu l-għanijiet tal-politika soċjali u tal-impjieg tagħhom, l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' (sentenzi tal-20 ta' Ottubru 2011, Brachner, C-123/10, EU:C:2011:675, punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-21 ta' Jannar 2021, INSS, C-843/19, EU:C:2021:55, punt 33), madankollu, huwa l-Istat Membru kkonċernat, fil-kwalità tiegħu ta' awtur tar-regola preżunta diskriminatorja, li għandu juri li din ir-regola tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 48 ta' din is-sentenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Ottubru 2011, Brachner, C-123/10, EU:C:2011:675, punt 74, u tas-17 ta' Lulju 2014, Leone, C-173/13, EU:C:2014:2090, punt 55).

53 F'dan il-każ, il-Gvern Spanjol u t-TGSS isostnu, fl-osservazzjonijiet bil-miktub u orali tagħhom, li d-deċiżjoni ta' politika leġiżlattiva li l-impjegati domestiċi jiġu esklużi mill-protezzjoni kontra l-qgħad hija marbuta mal-partikolaritajiet ta' dan is-settur professjonali. Fil-fatt, minn naħa, il-qasam tax-xogħol tal-impjegati domestiċi għandu rati ta' okkupazzjoni għolja, livell baxx ta' kwalifika u, għaldaqstant, ta' remunerazzjoni, u perċentwali sostanzjali ta' ħaddiema mhux affiljati mas-sistema ta' sigurtà soċjali. Min-naħa l-oħra, ir-relazzjoni tax-xogħol ta' dawn l-impjegati hija kkaratterizzata min-natura mhux professjonali tal-persuna li timpjegahom, li hija kap tal-familja li ma tiħux benefiċċju mix-xogħol bis-salarju tal-imsemmija impjegati, u mill-fatt li din ir-relazzjoni sseħħ fid-dar tal-familja, u dan jirrendi diffiċli kemm il-verifika tal-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-benefiċċji tal-qgħad kif ukoll il-kontrolli, minħabba l-invjolabbiltà tad-dar.

54 F'dan il-kuntest, iż-żieda fil-piżijiet u fl-ispejjeż tas-salarji li tirriżulta miż-żieda fil-kontribuzzjonijiet sabiex ikun kopert ir-riskju tal-qgħad tista', skont dawn il-persuni kkonċernati, tirriżulta fi tnaqqis fil-livelli ta' impjieg f'dan il-qasam tax-xogħol, fil-forma ta' tnaqqis fir-rekluti l-ġodda u fit-terminazzjonijiet ta' impjieg, kif ukoll f'sitwazzjonijiet ta' xogħol illegali u ta' frodi soċjali, u għalhekk tista' twassal għal tnaqqis fil-protezzjoni tal-impjegati domestiċi. Għaldaqstant, id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija intiża sabiex tissalvagwardja l-livelli ta' impjieg u l-ġlieda kontra x-xogħol illegali u l-frodi soċjali għal finijiet ta' protezzjoni soċjali tal-ħaddiema.

55 Il-Gvern Spanjol iżid li din id-dispożizzjoni nazzjonali hija proporzjonata mat-twettiq tal-għanijiet leġittimi ta' politika soċjali mfittxija minnha. Fil-fatt, minn naħa, bl-eċċezzjoni biss tal-benefiċċji tal-qgħad, l-impjegati domestiċi jibbenefikaw, bħala prinċipju, mill-benefiċċji kollha mogħtija mill-iskema ġenerali tas-sigurtà soċjali Spanjola, minkejja kontribuzzjoni iżgħar għall-finanzjament ta' din l-iskema minħabba rati ta' kontribuzzjoni mnaqqsa. Barra minn hekk, l-esklużjoni mill-protezzjoni kontra l-qgħad tikkonċerna riskju li ma huwiex iġġeneralizzat f'dan il-grupp ta' ħaddiema.

56 Min-naħa l-oħra, l-esklużjoni tal-benefiċċji tal-qgħad minn dawk mogħtija mis-sistema speċjali tal-impjegati domestiċi ma twassalx għal nuqqas totali ta' protezzjoni fir-rigward tar-riskju ta' qgħad, peress li allowance eċċezzjonali u temporanja minħabba assenza ta' attività kienet prevista favur dawn l-impjegati minħabba l-waqfien jew it-tnaqqis tal-attività tagħhom fil-kuntest tal-kriżi sanitarja marbuta mal-pandemija ta' Covid-19.

57 F'dan ir-rigward, fir-rigward, l-ewwel, tal-għanijiet imfittxija mid-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi rrilevat li l-iskopijiet li jirrigwardaw, minn naħa, is-salvagwardja tal-livelli ta' impjieg u l-promozzjoni tar-reklutaġġ u, min-naħa l-oħra, il-ġlieda kontra x-xogħol illegali u l-frodi soċjali għal finijiet ta' protezzjoni soċjali tal-ħaddiema jikkostitwixxu għanijiet ġenerali tal-Unjoni, kif jirriżulta mill-Artikolu 3(3) TUE u mill-Artikolu 9 TFUE.

58 Barra minn hekk, kif irrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali, fil-punt 67 tal-konklużjonijiet tiegħu, dawn l-iskopijiet ġew irrikonoxxuti mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala, rispettivament, għan leġittimu ta' politika soċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Ottubru 2007, Palacios de la Villa, C-411/05, EU:C:2007:604, punti 64 sa 66, u tat-2 ta' April 2020, Comune di Gesturi, C-670/18, EU:C:2020:272, punti 36 u 37 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata), u raġuni imperattiva ta' interess ġenerali li tista' tiġġustifika restrizzjoni għall-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali rrikonoxxuti mit-Trattat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' April 2013, Las, C-202/11, EU:C:2013:239, punt 28 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tat-13 ta' Novembru 2018, Čepelnik, C-33/17, EU:C:2018:896, punt 44 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

59 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-imsemmija skopijiet jistgħu jiġġustifikaw differenza fit-trattament li tolqot nettament iktar nisa milli rġiel fl-aċċess għal skema legali ta' assigurazzjoni kontra l-qgħad (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 1995, Megner u Scheffel, C-444/93, EU:C:1995:442, punti 27, 28 u 32).

60 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-għanijiet imfittxija mill-Artikolu 251(d) tal-LGSS huma, bħala prinċipju, għanijiet leġittimi ta' politika soċjali, li jistgħu jiġġustifikaw id-diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq is-sess li din id-dispożizzjoni nazzjonali tkun tinvolvi.

61 Fir-rigward, it-tieni, tal-adegwatezza tal-imsemmija dispożizzjoni nazzjonali sabiex tilħaq dawn l-għanijiet, u b'mod partikolari tal-kwistjoni dwar jekk din hijiex implimentata b'mod koerenti u sistematiku, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-fatt li l-ħaddiema jiġu protetti permezz ta' skemi ta' sigurtà soċjali jwassal min-natura tiegħu għal żieda fl-ispejjeż assoċjati ma' dan il-fattur ta' produzzjoni li jista', skont iċ-ċirkustanzi li jikkaratterizzaw is-suq tax-xogħol, jaffettwa l-livell ta' impjieg f'kull settur ta' dan is-suq, u, min-naħa l-oħra, li l-eżistenza stess ta' tali skemi tinvolvi r-riskju, irrispettivament mis-settur ikkonċernat, li l-protezzjoni li dawn joffru tista' tiġi invokata b'mod frawdolenti.

62 Konsegwentement, sabiex id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tkun tista' titqies li hija implimentata b'mod koerenti u sistematiku fid-dawl tal-għanijiet imsemmija fil-punt 57 ta' din is-sentenza, għandu jiġi stabbilit li l-kategorija ta' ħaddiema li hija teskludi mill-protezzjoni kontra l-qgħad tiddistingwi ruħha b'mod rilevanti minn kategoriji oħra ta' ħaddiema li ma humiex esklużi minnha.

63 F'dan ir-rigward, mill-osservazzjonijiet tat-TGSS u tal-Gvern Spanjol jirriżulta li kategoriji oħra ta' ħaddiema li r-relazzjoni tax-xogħol tagħhom isseħħ fid-dar għal persuni li jimpjegaw li ma humiex professjonisti, jew li l-qasam tax-xogħol tagħhom ikollu l-istess karatteristiċi f'termini ta' rata ta' okkupazzjoni, ta' kwalifika u ta' remunerazzjoni bħal dik tal-impjegati domestiċi, bħall-ġardinara u x-xufiera privati jew il-ħaddiema agrikoli u l-ħaddiema impjegati minn impriżi tat-tindif, huma kollha koperti mill-protezzjoni kontra l-qgħad, u dan minkejja rati ta' kontribuzzjoni kultant inqas minn dawk applikabbli għall-impjegati domestiċi.

64 B'hekk, l-għażla leġiżlattiva li jiġu esklużi l-impjegati domestiċi mill-benefiċċji tal-qgħad mogħtija mill-iskema ġenerali ta' sigurtà soċjali Spanjola ma tidhirx li hija implimentata b'mod koerenti u sistematiku meta mqabbla ma' kategoriji oħra ta' ħaddiema li jibbenefikaw mill-istess benefiċċji filwaqt li għandhom karatteristiċi u kundizzjonijiet tax-xogħol simili għal dawk tal-impjegati domestiċi msemmija fil-punt 53 ta' din is-sentenza u, għaldaqstant, riskji simili f'termini ta' tnaqqis fil-livelli ta' impjieg, ta' frodi soċjali u tal-użu tax-xogħol illegali.

65 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat il-fatt, kostanti bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali, li l-affiljazzjoni mas-sistema speċjali tal-impjegati domestiċi tagħti, bħala prinċipju, dritt għall-benefiċċji kollha mogħtija mill-iskema ġenerali tas-sigurtà soċjali Spanjola bl-esklużjoni ta' dawk tal-qgħad. B'mod partikolari, mill-osservazzjonijiet tal-Gvern Spanjol jirriżulta li din is-sistema tkopri, b'mod partikolari, ir-riskji relatati mal-inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mal-mard ikkaġunat mix-xogħol.

66 Issa, sa fejn dawn il-benefiċċji l-oħra jidhru li jippreżentaw l-istess riskji ta' frodi soċjali bħal dawk tal-qgħad, dan il-fatt jidher li jista' jikkontesta wkoll il-koerenza interna tad-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali meta mqabbla mal-imsemmija benefiċċji l-oħra. F'dan il-kuntest, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika l-effett, fuq il-koerenza ta' din id-dispożizzjoni nazzjonali, taż-żieda progressiva tar-rati ta' kontribuzzjoni applikabbli għall-impjegati domestiċi, li l-Gvern Spanjol semma fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu.

67 F'dawn iċ-ċirkustanzi, kif irrileva wkoll l-Avukat Ġenerali, fil-punt 99 tal-konklużjonijiet tiegħu, għandu jiġi kkunsidrat li l-provi pprovduti mill-Gvern Spanjol u mit-TGSS ma jurux li l-mezzi magħżula mill-Istat Membru kkonċernat huma xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi tal-politika soċjali mfittxija, li huwa fatt li għandu, madankollu, jiġi evalwat mill-qorti tar-rinviju.

68 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat ukoll, it-tielet, li, fil-każ li l-qorti tar-rinviju jkollha madankollu tikkonstata li d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tissodisfa għanijiet leġittimi ta' politika soċjali u li hija xierqa sabiex tilħaq dawn l-għanijiet, hija għandha tivverifika wkoll jekk din id-dispożizzjoni tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex l-imsemmija għanijiet jintlaħqu.

69 F'dan il-kuntest, mid-deċiżjoni tar-rinviju kif ukoll mill-osservazzjonijiet orali ta' CJ jirriżulta li l-esklużjoni mill-protezzjoni kontra l-qgħad tinvolvi l-impossibbiltà, għall-impjegati domestiċi, li jiksbu benefiċċji oħra tas-sigurtà soċjali li jkollhom dritt għalihom dawn l-impjegati, li l-għoti tagħhom ikun suġġett għat-tmiem tad-dritt għall-benefiċċji tal-qgħad, bħall-allowances minħabba inkapaċità permanenti jew l-għajnuna soċjali għall-persuni li ma jaħdmux.

70 Peress li din l-esklużjoni twassal għal nuqqas ikbar ta' protezzjoni soċjali tal-impjegati domestiċi li jirriżulta f'sitwazzjoni ta' deprivazzjoni soċjali, id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tidhirx, bla ħsara għall-verifika mill-qorti tar-rinviju tal-konsegwenzi allegati tal-imsemmija esklużjoni fuq l-għoti ta' benefiċċji soċjali oħra, neċessarja sabiex jintlaħqu l-imsemmija għanijiet.

71 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi magħmula hija li l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 79/7 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali li teskludi l-benefiċċji tal-qgħad mill-benefiċċji tas-sigurtà soċjali mogħtija lill-impjegati domestiċi minn skema legali ta' sigurtà soċjali, meta din id-dispożizzjoni tqiegħed lill-ħaddiema nisa fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla mal-ħaddiema rġiel, u ma hijiex iġġustifikata minn fatturi oġġettivi u indipendenti minn kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess.

Fuq l-ispejjeż

72 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali li teskludi l-benefiċċji tal-qgħad mill-benefiċċji tas-sigurtà soċjali mogħtija lill-impjegati domestiċi minn skema legali ta' sigurtà soċjali, meta din id-dispożizzjoni tqiegħed lill-ħaddiema nisa fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla mal-ħaddiema rġiel, u ma hijiex iġġustifikata minn fatturi oġġettivi u indipendenti minn kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess.

Firem